**19 ta' Lulju, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (Hist.) S.**

Soċjetà Filarmonika "La Stella"

*versus*

Kummissarju tal-Pulizija

**Stħarriġ ta' Għemil Amministrattiv - Kunsiderazzjonijiet mhux Rilevanti - Soċjetà Filarmonika u l-Personalità Ġuridika - Intempestività - Eċċezzjoni Perentorja - Interess Ġuridiku - *Locus Standi***

*Il-Qorti ta' l-ewwel istanza rriteniet li Qorti ta' Ġurisdizzjoni Ċivili tista' tissindika* policy *amministrattiva dwar għandux jiġi permess li jsir ħruq ta' logħob tan-nar fil-viċinanzi ta' bini storiku. Din il-Qorti qalet li l-konvenut mar oltre l-poteri li ttih l-liġi peress li s-soċjetà attriċi wettqet l-obbligazzjonijiet kollha imposti mil-*

*ligijiet u għalhekk il-konvenut ma kienx ġustifikat li jirrifjuta li joħroġ tali permess għax ried iwettaq* policy *ġdida li ġiet issuġġerita lilu mill-amministrazzjoni.*

*Sfortunatament il-Qorti ta' l-Appell ma kelliex għalfejn teżamina din il-konklużjoni ta' l-Ewwel Qorti peress li sabet li s-soċjetà attriċi ma kellhiex* locus standi *f'din il-kawża.*

Il-Qorti:-

Dan hu appell minn sentenza tas-17 ta' Lulju, 1997 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri fil-kawża fl-ismijiet premessi. Is-sentenza appellata taqra kif ġej:

"Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha s-soċjetà attriċi, wara li ppremettiet illi:

Is-soċjetà attriċi torganizza l-festi esterni ta' San Ġorġ Martri fir-Rabat, Għawdex kull sena u ilha tagħmel hekk għal fuq minn mitt sena;

Illi l-istess soċjetà attriċi ilha għal ħafna snin tapplika sabiex tispara nar żgħir magħruf bħala fjammi (*Roman Candles*) u stoppini tal-pulzier u nofs mill-parti taċ-Ċittadella magħrufa bħala "Ta' Ħdejn l-Arloġġ" u li dan il-permess dejjem ingħata f'dawn l-aħħar snin;

Illi minkejja li s-soċjetà attriċi applikat fil-ħin u kif rikjest għall-permessi relattivi inklużi dawk tan-nar fil-lokalità msemmija;

Illi l-konvenut iddikjara li din is-sena se jinħarġu l-permessi kollha fis-snin passati u illi fejn ikun hemm problemi dawn is-siti problematiċi jiġu diskussi s-sena d-dieħla;

Illi n-nar li tixtieq tispara s-soċjetà attriċi mhumiex murtali jew bombi u għalhekk id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 11 ta' l-avviż legali 5 ta' l-1981 mhumiex applikabbli;

Illi s-soċjetà attriċi għandha informazzjoni illi mhix se jinħarġilha permess biex tispara n-nar imsemmi mill-post imsejjaħ bħala "Ta' Hdejn l-Arloġġ" fuq iċ-Ċittadella;

Talbet lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

Ir-rifjut li joħroġ l-imsemmi permess jiġi kkundannat li sar b'mod abbużiv u in kontravvenzjoni ta' l-impenji pubbliċi u tad-disposizzjonijiet legali viġenti;

Jiġi kkundannat joħroġ l-imsemmi permess fil-ħin għall-festa ta' San Ġorġ u ċjoè qabel nhar l-Erbgħa 16 ta' Lulju, 1997;

*Omissis*;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa illi:

In-nullità taċ-ċitazzjoni stante l-karenza ta' personalità ġuridika ta' l-attur;

Subordinatament l-intempestività ta' l-azzjoni stante li l-esponent għadu ma ħareġ l-ebda rifjut tal-permess in kwistjoni;

Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, il-karenza manifesta ta' fondament ġuridiku taż-żewġ talbiet avvanzati fiċ-ċitazzjoni billi:

Fir-rigward ta' l-ewwel talba ma teżisti ebda liġi li tobbliga lill-esponent li joħroġ il-permess in kwistjoni u di più l-ħruġ ta' tali permessi lanqas jista' jifforma l-oġġett ta' kuntratt u anzi l-esponent huwa obbligat li ma joħroġx permessi għal attivitajiet li jkunu jilledu d-drittijiet jew jipperikolaw l-inkoluminità ta' ħaddieħor jew l-integrità ta' monumenti storiċi; u

Kwantu għat-tieni talba billi din taqa' barra l-ġurisdizzjoni tal-Qorti fit-termini ta' l-artikolu 469A u hija effettivament talba biex il-Qorti teżerċita poter amministrattiv preventivament u dan b'mod li jmur anke kontra l-kostituzzjoni li tagħti l-awtorità amministrattiva lill-Gvern u mhux lill-Qrati:

*Omissis*;

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-kawża preżenti s-soċjetà attriċi qed titlob dikjarazzjoni min din il-Qorti li r-rifjut da parti tal-konvenut li joħroġilha permess sabiex tispara logħob tan-nar minn fuq is-swar taċ-Cittadella sar abużivament u konsegwentement ikkundannat biex jinħareġ tali permess;

Qabel però ma l-Qorti tkun tista' tidħol fil-meritu proprju tal-kwistjoni mressqa fil-kawża, iridu jiġu qabel xejn ittrattati l-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari mqajma mill-konvenut. Fl-ewwel lok il-Kummissarju tal-Pulizija jeċċepixxi l-karenza ta' personalità ġuridika tas-soċjetà attriċi. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza sħiħa għas-sentenza msemmija mis-soċjetà

attriċi fin-nota ta' referenzi tagħha tal-15 ta' Lulju, 1997 fejn dejjem ġew ribaditi s-segwenti prinċipji, u ċjoè, illi:

Minkejja li l-liġi tagħna ma fiha ebda dipsosizzjoni li biha tirregola l-kostituzzjoni ta' l-enti morali, xorta tammettihom u tagħrafhom bħala persuna ġuridika, u li;

L-għarfien ta' tali personalità ġuridika mhux meħtieġ li jkun dejjem espress imma jista' anke jsir b'mod impliċitu b'xi att ta' awtorità kompetenti li jippresupponi neċessarjament dak ir-rikonoxximent;

Fil-każ in eżami għandna soċjetà filarmonika li tmexxi waħda mill-baned ewlenin fil-gżira Għawdxija. Kif tajjeb indikaw il-legali tas-soċjetà attriċi fit-trattazzjoni, il-każini tal-baned ġew irrikonoxxuti f'diversi disposizzjonijiet tal-liġi bħal ma huma l-Kap. 123 dwar it-Taxxa tad-Dħul u l-liġi reċenti dwar it-Taxxa tas-Sisa fuq is-Servizzi (l-Att XII ta' l-1997) fejn soċjetà filarmonika ġiet eżentata mill-applikazzjoni ta' din it-taxxa. Hekk ukoll huwa magħruf illi soċjetajiet simili jakkwistaw u jiddisponu liberament mill-proprjetà bħal kull persuna oħra mingħajr ebda diffikultà. Din il-Qorti għalhekk ma tara ebda raġuni għaliex il-kawża preżenti ma tistax timxi bil-mod kif ġiet proposta u konsegwentement tiċħad din l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut;

Rigward l-eċċezzjoni ta' l-intempestività ta' l-azzjoni stante li l-konvenut sakemm ġiet intavolata l-kawża preżenti kien għadu ma ħareġ l-ebda rifjut ta' permess lis-soċjetà attriċi, irriżulta mix-xhieda tal-konvenut stess, illi minkejja li tassew ma kienx għadu ħareġ rifjut uffiċjali sakemm ġiet intavolatta l-kawża, fis-sens li s-soċjetà attriċi ma kinitx għadha ġiet infurmata uffiċjalment bil-miktub illi l-applikazzjoni tagħha li tispara logħob tan-nar minn fuq is-swar taċ-Ċittadella kien ġie

rrifjutat, kienet inghatat indikazzjoni biżżejjed illi dik kienet il-posizzjoni tal-Pulizija u li tali permess ma kienx ser jinhareġ. Fiċ-ċirkostanzi partikoli tal-każ meta din l-informazzjoni rriżulta li nghata lis-soċjetà attriċi fl-ahhar mument u preċiżament ftit granet biss qabel il-jiem li fiha torganizza l-festi esterni ta' San Ġorġ, fir-Rabat, ċertament ma tista' tiġi imputata ebda htija lis-soċjetà attriċi li rreaġiet minnufih hekk kif inghatat hjiel tas-sitwazzjoni attwali u ma qaghditx tistenna rifjut normali minghand il-Pulizija, li seta' anke ma wasal xejn jew wasal tard wisq ghaliha biex tkun tista' tirreaġixxi b'mod effikaċi. In vista ta' dan, it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut qed tiġi michuda ukoll;

It-tielet eċċezzjoni tal-konvenut tirrigwarda mbaghad il-kwistjoni ta' jekk tali rifjut huwiex sindakabbli mill-Qorti bhala li jaqa' taht iċ-ċirkostanzi elenkati mil-liġi stess ghall-istharriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattivà taht l-artikolu ġdid 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, introdott bl-emendi l-ġodda ghal-liġijiet ta' proċedura li ġew fis-sehh ta' l-Att XXIV ta' l-1995. Ma hemmx dubbju u lanqas ġie kkontestat illi d-deċiżjoni tal-konvenut li jirrifjuta l-permess in kwistjoni kienet deċiżjoni amministrattiva mehuda skond ma jirriżulta mid-deposizzjoni tieghu u d-dokumenti minnu esebiti in ottemperanza ta' *policy* tal-Gvern illi ma jinghatawx permessi ghall-hruq ta' loghob tan-nar minn siti storiċi, liema *policy* ġiet mgharrfa lill-istess konvenut f'forma ta' *guidelines* mahruġa mid-Direttur Ġenerali fl-uffiċċju tal-Prim Ministru fit-2 ta' Settembru, 1996 imbaghad irrilaxxata bhala ċirkolari tal-Pulizija stess fl-1 ta' Ottubru, 1996;

L-eżami li ghalhekk trid neċessarjament taghmel din il-Qorti huwa li tistabilixxi jekk u safejn tista' tissindika tali deċiżjoni amministrattiva mehuda mill-konvenut in konformità ma' dak li tipprovdi l-liġi f'artikolu ċitat, u konsegwentement x'rimedju tista' tipproċedi. Irriżulta illi s-soċjetà attriċi bhal ma

kienet tagħmel is-soltu meta jkun qed joqrob iż-żmien tal-festa, applikat għand il-Pulizija għall-permessi meħtieġa bil-liġi biex ikun jista' jsir sparar ta' logħob tan-nar u dana in ottemperanza ma' dak li tistipula l-liġi in materja u ċjoè l-Kap. 33 (L-Ordinanza dwar l-Isplussivi u r-regolamenti relattivi għal dak it-tip ta' nar deskritt fir-regolamenti bħala "nar tal-ftuħ" jew "murtali" u "bombi", applikat għal permess biex tisparah fuq l-għolja ta' "Gelmus" f'post mbiegħed aktar minn mitejn metru mill-abitat, kif jistipulaw ir-regolamenti (artikolu 11 ta' l-A.L. 5 ta' l-1981) u għan-nar magħruf bħala "*Roman Candles*" u "stoppini" applikat biex tisparah minn fuq is-swar taċ-Ċittadella. Indikat ditta rrikonoxxuta u lliċenzjata għall-manifattura ta' dan il-logħob tan-nar, kif ukoll nies ikkwalifikati biex jisparaw l-istess nar. Inħarġet id-debita polza ta' assikurazzjoni fis-somma rikjesta sabiex tagħmel tajjeb għall-indenniz ta' ħsara kkaġunata fuq terzi persuni jew proprjetà. Di più ġie akkwistat ukoll il-kunsens tad-Dipartiment tal-Mużewijiet għall-isparar minn fuq iċ-Ċittadella;

Mandankollu, u minkejja li s-soċjetà attriċi segwiet id-disposizzjonijiet kollha mitlub mil-liġi fl-applikazzjoni tagħha, ftit jiem biss qabel ma kellhom jibdew iċ-ċelebrazzjonijiet festivi, ġiet infurmata li ma kienx ser jinħareġ permess għall-ħruq tan-nar minn fuq iċ-Ċittadella. Ir-raġuni unika għal dan kienet, kif anke ġie mbagħad ikkonfermat mill-konvenut stess fid-deposizzjoni tiegħu, illi dan sar biex titwettaq il-*policy* ġdida li bidet issegwi l-Pulizija minn mindu nħarġet iċ-ċirkolari fuq imsemmija fl-1996 illi "*... requests for the discharge of fireworks and petards from or in the immediate vicinity of historical buildings will not be accepted*" (ara ċirkolari tal-Pulizija ddatata l-1 ta' Ottubru, 1996, dok. GG2);

Irid għalhekk issa jiġi determinat jekk din il-Qorti għandhiex il-poter mogħti lilha mil-liġi sabiex teżamina jekk il-fatt illi l-Pulizija, minkejja li s-soċjetà attriċi wettqet l-

obbligazzjonijiet kollha imposti fuqha mil-liġi fl-applikazzjoni għall-permess għall-ħruq tan-nar, kinitx ġustifikata xorta waħda tirrifjuta tali permess. Tista' jew le l-Qorti tissindika poter diskrezzjonali tal-konvenut li joħroġ jew jirrifjuta permess għal xi attività pubblika sempliċement għaliex din ma tikkonformax ma' xi *policy* ġdida li deherlu li għandu jimplimenta hu jew li ġiet issuġġerita lilu minn xi awtorità amministrattiva fuqu;

Il-Qorti hija tal-fehma illi l-artikolu 469A imsemmi, jagħtiha d-dritt tistħarreġ għemil amministratti bħal ma hu dak in eżami taħt is-subinċiżi (iii) u (iv) tal-paragrafu (1) (b) ta' dan l-artikolu jagħti d-dritt lill-Qorti sabiex tistħarreġ ukoll il-validità ta' xi għemil amministrattiv jew li tiddikjara dak l-għemil null, invalidu jew mingħajr effett, anke meta:

"... l-għemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa ta' l-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;

Meta l-għemil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi";

Fil-kawża kostituzzjonali deċiża reċentement fl-ismijiet **Dr. Lawrence Gonzi** *noe vs* **Kummissarju tal-Pulizija** (21/06/97) per Imħallef G. Valenzia) fejn l-attur *nomine* talab rimedju mill-Qorti għar-rifjut tal-Kummissarju tal-Pulizija li joħroġlu permess għal *rock party* f'barriera *on grounds of policy*, l-istess konvenut odjern kien eċċepixxa *inter alia* illi tali deċiżjoni kellha tiġi attakkata bħala "att amministrattiv" permezz ta' kawża ċivili ordinarja a tenur ta' l-artikolu 469A tal-Kap. 12 u mhux b'kawża kostituzzjonali. Similment din il-Qorti tħoss illi fil-każ in eżami r-rifjut tal-ħruġ tal-permess lis-soċjetà attriċi ukoll *on grounds of policy* tista' tiġi attakkata taħt dan l-artikolu reċentement introdott fil-liġijiet proċedurali tagħna;

Il-Qorti hija tal-fehma illi l-konvenut mar oltre l-poteri mogħtija lilu mil-liġi meta eżerċita d-diskrezzjoni amministrattiva tiegħu bil-mod imfisser. Ġaladarba s-soċjetà attriċi wettqet l-obbligazzjonijiet kollha imposti mil-liġijiet u/ jew regolamenti in materja, ma kienx ġustifikat il-konvenut jirrifjuta li joħroġ tali *permess sempliċement għax ried iwettaq policy* ġdida li ġiet issuġġerita lilu mill-amministrazzjoni sabiex ma jinħarġux permessi għall-ħruq *tan-nar fuq siti storiċi*. Bil-limitazzjoni li impona fuqu nnifsu l-Kummissarju tal-Pulizija meta ħareġ din *il-policy*, *id-diskrezzjoni* tiegħu ġiet imsejsa fuq "kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti" kif isejħilhom l-istess artikolu 469A *ċitat*. Biex jiddeċidi jekk kellux jinħareġ permess għall-ħruq tan-nar, il-konvenut kellu jara jekk kinux ġew osservati l-kundizzjonijiet kollha stipulati fil-liġijiet u regolanet in materja, imma mkien f'dawn il-liġijiet u/jew regolamenti ma tissemma' xi kundizzjoni bħal dik li bbaża d-deċiżjoni tiegħu fuqha l-konvenut;

L-istat tad-dritt jirrikjedi u jippresupponi illi individwu għandu jkun jaf sew x'inhi *a priori* l-posizzjoni tiegħu dwar stat ta' fatt permezz ta' liġijiet u regolamenti ċari fil-materja relattiva u mhux li jiġi rrinfaċċjat ħabta u sabta bi kwalunkwe *tip ta' kundizzjoni li qatt ma seta' basar minn qabel biha, kif* fil-fatt ġara in eżami. Fejn qatt setgħu jimmaġinaw id-diriġenti tas-soċjetà attriċi *li* proprju *fl-aħħar mument kienu se jiġu* rrinfaċċjati b'din ir-riserva, meta kollox kien jindika illi l-permessi kienu ser jinħarġu regolarment bħas-soltu. Kieku kien hemm xi ħjiel jew indikazzjoni f'waqtha illi dan il-permess ma kienx ser jinħareġ, is-soċjetà attriċi kien ikollha żmien suffiċjenti sabiex tagħmel il-preparamenti meħtieġa ħalli ssib sit alternattiv aċċettabbli għall-Pulizija. Imma proprju għax ma kellhom ebda mezz li jkunu jafu b'din il-*policy* għax ma ġiet imxandra jew ippubblikata mkien id-diriġenti tas-soċjetà applikaw għall-istess post kif kienu dejjem jagħmlu fis-snin preċedenti;

Huwa appuntu aġir bħal dan illi l-Qorti tħoss illi hija kompetenza tagħha li tissindika u jekk ikun il-każ tirrevoka bħala invalidu. Ma kienx ġustifikat il-Kummissarju tal-Pulizija fil-konsiderazzjoni tiegħu ta' l-applikazzjoni *de quo* li jagħmilha tal-kustodju tal-patrimonju storiku ta' pajjiżna, meta anzi ironikament ġie anke pprovdut proprju l-kunsens tad-Direttur tal-Mużewijiet li ma sab ebda oġġezzjoni li jinħaraq dan it-tip ta' logħob tan-nar innokwu minn fuq iċ-Ċittadella. Għalkemm ma hemm xejn x'jista' jżomm lill-amministrazzjoni li eventwalment tilleġisla jew toħroġ regolamenti ġodda li jkunu appuntu jipprojbixxu l-ħruq ta' logħob tan-nar minn u fil-viċinanza ta' siti storiċi, sakemm dan isir, id-diskrezzjoni tal-konvenut f'każijiet simili għandha tiġi eżerċitata esklussivament fl-ambitu tal-liġijiet u regolamenti in materja viġenti. Għandu jiddeċidi jekk joħroġx il-permess rikjest jew le, fuq il-konsiderazzjonijiet li jimponu l-istess liġijiet u regolamenti u ma jistax jirrifjuta tali permess sempliċement għax jiddeċidi illi jibda jwettaq direttiva ġdida li għadha mhi kkontemplata mkien fil-liġi;

Għal dak li jirrigwarda r-rimedju li tista' tagħti din il-Qorti f'tali ċirkostanzi, il-Qorti hija tal-fehma illi, kif tajjeb irrileva l-konvenut fir-risposta tiegħu tas-16 ta' Lulju, 1997 mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li toħroġ hija stess il-permess relattiv imma sempliċement li tirrevoka d-deċiżjoni amministrattiva li tkun irriżultat invalida u tordna li terġa' tiġi kkunsidrata l-applikazzjoni relattiva fl-ambitu tal-liġi;

Għaldaqstant tiddeċidi din il-kawża billi, filwaqt illi tirrespinġi l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiddikjara invalida u mingħajr ebda effett legali d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li rrifjuta li jikkonċedi permess lis-soċjetà attriċi li taħraq it-tip ta' logħob tan-nar deskritt fiċ-ċitazzjoni minn fuq iċ-Ċittadella stante li din id-deċiżjooni ġiet ibbażata unikament fuq *policy* li mhi mkien

ikkontemplata fid-disposizzjoni tal-liġi li tirregola l-materja in eżami; u konsegwentement u in vista ta' dak li ġie mfisser hawn fuq, tordna lill-istess konvenut sabiex jeżamina mill-ġdid l-applikazzjoni tas-soċjetà attriċi fuq konsiderazzjonijiet biss ta' jekk ġewx issodisfati l-kundizzjonijiet applikabbli u imposti mil-liġijiet u regolamenti viġenti illum;

In vista taċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ meta din is-sentenza qed tingħata proprju lejlet il-qofol tal-festa ta' San Ġorġ, tordna illi d-deċiżjoni riveduta tal-konvenut dwar din l-applikazzjoni għandha tingħata llum stess u dan appuntu biex ma jiġix proprju stultifikat l-iskop għaliex saru dawn il-proċeduri u l-isforz li għamlu l-partijiet kollha kkonċernati sabiex din il-kawża tinstema' bl-urġenza. Għall-istess motivi, din is-sentenza għandu jkollha esekuzzjoni proviżorja immedjata, minkejja li l-konvenut jista' għad ikun irid jappella minnha fit-terminu kunċess lilu mil-liġi. Il-Qorti, meħuda anke in konsiderazzjoni dak li rriżulta fil-kors tas-smigħ tal-kawża dwar l-innokwità tal-ħruq tar-*Roman Candles* u stoppini msemmija minn fuq iċ-Ċittadella, ma tarax kif tali esekuzzjoni proviżorja tista' b'xi mod tippreġudika l-posizzjoni tal-konvenut u tkun ta' xi dannu jew għall-beni pubbliċi;

L-ispejjeż tal-kawża, minħabba l-kwistjonijiet pjuttost ġodda li ġew ittrattati u ċ-ċirkostanzi partikolari li taw lok għaliha, għandhom jibqgħu bla taxxa";

Minn din is-sentenza appella l-Kummissarju tal-Pulizija b'rikors ta' l-appell li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar u tannulla s-sentenza appellata u tirrimetti l-kawża quddiem l-Ewwel Qorti għas-smigħ skond il-liġi u subordinatament, fil-każ li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li ma għandhiex tannulla s-sentenza appellata, li allura tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ

istanzi kontra l-attur appellat;

Minħabba li ġiet akkordata l-urġenza din il-Qorti *tat smigħ* illum stess, f'liema seduta s-soċjetà appellata ppreżentat ir-risposta ta' l-appell tagħha;

L-ewwel aggravju ta' l-appellant il-Kummissarju tal-Pulizija huwa illi l-kawża fi Prim'Istanza ġiet ittrattata b'tant għaġġla li huwa ma ngħatax smigħ xieraq. Speċifikatament jagħmel referenza għal żewġ noti ppreżentati mis-soċjetà attriċi, waħda fil-15 ta' Lulju, 1997 u l-oħra fis-16 ta' Lulju, 1997 li ma ġewx innotifikati lilu, b'mod li kiser, għalhekk, il-prinċipju ta' l-*audi alteram partem* u l-prinċipju tal-ġustizzja naturali, fis-sens li kull parti għandha d-dritt li tkun innotifikata bl-atti proċesswali;

Għal dan l-aggravju is-soċjetà appellata irrispondiet illi hija ħallset għan-notifiki u li jekk dawn ma ġewx notifikati ma għandhiex tbati konsegwenzi hi. Jiżdied ukoll, li kwantu jirrigwarda n-nota tas-16 ta' Lulju, 1997 dina ġiet ippreżentata minħabba li fir-risposta li kienet ġiet ippreżentata preċedentement mill-Kummissarju tal-Pulizija għal rikors tas-soċjetà appellata biex f'każ ta' eżitu posittiv is-sentenza tkun esegwita proviżorjament, issolleva punti illi ma kinux ġew dibattuti fil-kors tat-trattazzjoni;

Il-Qorti tinnota illi kwantu jirrigwarda l-ewwel waħda minn dawn in-noti ċjoè dik tal-15 ta' Lulju, 1997, huwa veru illi s-soċjetà attriċi illum appellata kienet ħallset għan-notifika filwaqt illi jirriżulta ukoll illi kwantu jirrigwarda t-tieni nota, ċjoè dik tas-16 ta' Lulju, 1997, il-ħlas għan-notifika ma kienx sar kuntrarjament għal dak li qed tallega llum is-soċjetà appellata;

Illi tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha proċesswali, speċjalment tal-fatt li l-proċeduri kollha saru u l-provi nstemgħu bl-urġenza, u anke l-għaliex kien hemm pre-avviż illi se jkun hemm din in-nota, din il-Qorti ttendi illi ma tarax illi, għalkemm kien hemm irregolarità fis-sens ta' nuqas ta' notifika, dan kien ta' gravità tali u ta' sustanza tali li għandu jwassal għan-nullità tas-sentenza. F'dan is-sens, u f'dan is-sens limitat biss, għalhekk din il-Qorti mhijiex ser takkolji t-talba għan-nullità tas-sentenza fuq il-bażi ta' dan l-aggravju;

Jiżdied ukoll illi se mai fiċ-ċirkostanzi proċesswali kif jippreżentaw ruħhom kwantu jirrigwarda t-tieni waħda minn dawn in-noti din iktar milli kwistjoni ta' notifika kienet kwistjoni ta' jekk għandhiex tiġi sfilzata mill-Ewwel Onorabbli Qorti jew le u kwantu jirrigwarda l-ewwel waħda, kienet tikkonsisti biss f'dokumenti in sostenn ta' dibattitu fuq punt wieħed involut f'din il-kawża li kien ġie ttrattat fil-kors tal-proċeduri, u li kif ingħad kien hemm diġà pre-avviż li ser jiġu ppreżentati dawn id-dokumenti konsistenti prinċipalment f'*ġurisprudenza*;

Stabbilit dan u qabel ma din il-Qorti għaddi biex tikkunsidra l-eċċezzjoni li jmiss, ser jiġi ppreċiżat fuq liema bażi s-soċjetà attriċi llum appellata impernjat l-azzjoni tagħha;

L-azzjoni hija mpernjata fuq il-premessi segwenti:

Li s-soċjetà attriċi torganizza l-festi esterni ta' San Ġorġ Martri fir-Rabat Għawdex kull sena u ilha tagħmel hekk għal fuq il-mitt sena;

Illi s-soċjetà attriċi ilha għal ħafna snin tapplika sabiex tispara nar żgħir magħruf bħala fjammi *Roman Candles* u stoppini tal-pulzier u nofs mill-parti taċ-Ċittadella magħrufa

"Ta' *Hdejn* l-Arloġġ" u dan il-permess dejjem ingħata f'dawn l-aħħar snin;

Illi hija applikat fil-ħin u kif rikjest għall-permessi relattivi inklużi dawk tan-nar fil-lokalità msemmija;

Illi l-konvenut, il-Kummissarju tal-Pulizija, iddikjara pubblikament illi din is-sena ser jinħarġu l-permessi kollha kif fis-snin passati u fejn ikun hemm problemi dawn is-siti problematiċi jiġu diskussi s-sena d-dieħla;

Illi n-nar li tixtieq tispara s-soċjetà attriċi mhuwiex murtali jew bombi u għalhekk id-disposizzjoni ta' l-artikolu 11 ta' l-Avviż Legali 5 ta' l-1981 mhumiex applikabbli;

Illi s-soċjetà attriċi għandha informazzjoni li mhux ser jinħarġilha permess biex tispara n-nar imsemmi mill-post indikat;

Fuq il-bażi ta' dawn il-premessi mbagħad għamlet żewġ talbiet, waħda illi r-rifjut illi joħroġ l-imsemmi permess jiġi kkundannat mill-Qorti bħala li sar b'mod abbużiv u in kontravvenzjoni ta' l-impenni pubbliċi u tad-disposizzjonijiet legali viġenti u fit-tieni lok il-Kummissarju tal-Pulizija jiġi kkundannat joħroġ l-imsemmi permess fil-ħin għall-festa ta' San Ġorġ;

Għalkemm it-termini li fiha hija redatta ċ-ċitazzjoni huma xi ftit jew wisq vagi, kif korrettement issottometta fir-rikors ta' l-*appell* tiegħu l-Kummissarju tal-Pulizija, jidher, però, kemm *mit-trattazzjoni* u kif ukoll kif ġiet impostata t-trattazzjoni *quddiem* l-Ewwel Qorti u anke mill-korp ta' l-istess sentenza appellata illi l-azzjoni ġiet impostata u kkonsidrata bħal waħda impostata fit-termini ta' l-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet

ta' Malta, li jaghti d-dritt lill-Qrati li jissindikaw u jistharrġu ġudizzjarjament l-azzjoni amministrattiva;

Skond id-definizzjoni li *jipprovdi* l-istess artikolu 469A (2) "ghemil amministrattiv" tfisser "il-ħruġ ta' kull ordni, liċenzja, permess, *warrant*, deċiżjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda li ma tinkludix xi ħaġa li ssir bil-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità";

Hu ovvju li minn din id-definizzjoni stess is-sindikabilità ta' l-ghemil amministrattiv huwa relatat ma' xi talba partikolari li xi persuna tkun ghamlet lill-amministrazzjoni u l-eventwali rifjut taghha. Isegwi minn dan, fuq il-bażi ta' l-iktar prinċipji elementari ta' liġi illi li hija dik il-persuna li tkun applikat u lilha jkun ġie rifjutat il-permess jew liċenzja, li ghandha interess ġuridiku tikkontesta dik id-deċiżjoni amministrattiva;

Jirriżulta miċ-ċitazzjoni *promotorja* ta' dan il-ġudizzju illi l-azzjoni odjerna ġiet proposta mis-soċjetà filarmonika "La Stella". F'dan l-appell, però, ġiet prodotta l-prova illi l-applikazzjoni ghall-ħruq tan-nar in kwistjoni, meritu ta' din il-kawża saret minn ċertu Salvu Farrugia bin il-mejjet Nenu u Antonia neè Vella ta' 52 sena, li joqghod 3, Djar tal-Gvern, Triq it-Tabib Anton Tabone, ir-Rabat, Ghawdex u li skond *kif xehed* il-Kummissarju tal-Pulizija fis-seduta odjerna, ir-rifjut inħareġ proprju lil din l-istess persuna;

Dan iġib in ballo l-aħħar aggravju ta' l-appellant Kummissarju tal-Pulizija fis-sens illi qieghed jeċċepixxi ghall-validità tas-sentenza appellata l-fatt illi s-soċjetà attriċi, anke kieku kellha personalià ġuridika, qatt ma kellha *locus standi* f'dawn il-proċeduri, stante li hija qatt ma kienet applikat ghall-permess u billi dana kien applika ghalih haddieħor;

Dana ċertament ma jfissirx illi s-soċjetà attriċi neċessarjament ma setgħax u/jew ma għandhiex interess fil-ħruq tan-nar u anke fl-eżitu ta' dan l-istanza, però l-interess *li għall-fini* tal-liġi u ta' dawn *il-proċeduri* għandu sinifikat u importanza, huwa l-interess ġuridiku u mhux l-interess ġenerali - interess ġuridiku li jrid ikun fit-termini, kif ġà spjegat fuq, ta' l-artikolu 469A (2) tal-Kap. 12;

F'dan ir-rigward l-appellat għamel żewġ sottomissjonijiet:

Illi din l-eċċezzjoni imissha tqajmet *fil-Prim'Istanza u la* ma tqajmitx ma tistax tiġi ssollevata f'din l-istanza;

Illi l-fatt illi applika Salvu Farrugia huwa rrilevanti għal fini ta' din l-azzjoni peress illi l-organizzazzjoni *kollha tal-festa* biex jiġu ottenuti l-permessi kollha neċessarji kienet f'idejn is-soċjetà attriċi;

Irid jiġi ppreċiżat fl-ewwel lok illi *indipendentement mill-*mod ta' *kif* l-appellati qed jirrispondu għal dan l-aggravju, jibqa' bħala fatt, illi proprju waħda mill-premessi prinċipali taċ-ċitazzjoni, mhijiex sorretta mill-fatti, fis-sens *illi mill-atti* proċesswali ma jirriżulta *minn* imkien li f'xi darba jew f'xi ħin is-soċjetà attriċi applikat għall-ħruq tan-nar jew li din it-talba ġiet irrifjutata fil-konfront tagħha mill-Kummissarju tal-Pulizija. Jirriżulta invece, dak li ngħad fuq, u ċjoè, illi t-talba saret minn persuna individwali li għandha l-liċenzja li timmanifattura u li taħraq in-nar, u li r-rifjut tal-permess inaħreġ lil dik il-persuna - persuna li manifestament hija nieqsa bħala parti f'din il-kawża;

Dan l-aggravju tal-Kummissarju tal-Pulizija appellant jammonta f'kull każ għal eċċezzjoni li l-kontro-parti mhux il-leġittimu kontradittur tiegħu u għalhekk għal eċċezzjoni

perentorja tal-ġudizzju li skond il-liġi tista' tiġi ssollevata anke fl-istadju ta' l-appell;

*Din il-Qorti tissenjala ukoll illi in kontrapożizzjoni għas*-sottomissjoni ta' l-appellanti li huma kienu fi kwalunkwe każ inkarigati mill-organizzazzjoni tal-festa u ta' l-applikazzjonijiet biex jinħarġu l-permessi ma jreġix, għaliex għalih tosta l-liġi illi, fl-Avviż Legali 5 ta' l-1981 (Ordinanza Dwar l-Isplussivi, Kap. 56) manifestament jorbot kwalunkwe ħruġ ta' permess għall-ħruq ta' nar, ma' persuna fiżika, li mhux biss tkun persuna *fiżika ordinarja, imma li jkollha ukoll il-liċenzja skond kif* deskritt fl-istess Avviż Legali u li tkun identifikata permezz tal-Karta ta' l-Identità tagħha. Huwa evidenti illi s-soċjetà filarmonika "La Stella" ma setgħet qatt tkun din il-persuna fiżika illi għaliha l-Avviż Legali msemmi jirreferi;

Il-konsegwenza legali ta' dan kollu hija illi s-soċjetà ma setgħet qatt tipproponi din il-kawża biex tikkontesta d-deċiżjoni amministrattiva li kienet tolqot persuna fiżika distinta u separata minnha u li kienet talbet għal-liċenzja u li ġiet irrifjutata lilha;

Stabbilit dan huwa evidenti li mhuwiex il-każ li jiġu ttrattati l-eċċezzjonijiet l-oħra ssollevati per vią di aggravji u kif ukoll oħrajn li ġew diskussi waqt it-trattazzjoni odjerna kif ukoll fis-sentenza appellata;

Għal dawn il-motivi, tiddisponi mill-appell kif ġej, u ċjoè, billi fl-ewwel lok tilqa' l-eċċezzjoni ssollevata mill-appellant li s-soċjetà attriċi ma kellhiex *locus standi* in ġudizzju minħabba li mhijiex il-leġittimu kontradittur tiegħu u konsegwentement *tirriżulta karenza ta' interess ġuridiku u fil-konfront tagħha u* fit-tieni lok, u bħala konsegwenza, tirrevoka s-sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi, stante ċ-ċirkostanzi, a kariku taż-żewġ partijiet nofs kull wieħed.